**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 5 ta' Diċembru 2023**

Rikors Numru: 386/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 57/1998)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors illi ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

> Illi l-partijiet iżżewwgu fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (1998), u m'ghandhomx tfal (certifikat taz-zwieg bin-numru ta' registrazzjoni 2178/1997 anness bhala Dok. A)

Illi l-partijiet resqu għall-kuntratt ta' firda personali fl-atti tan-Nutar Dottor Ann Fenech Adami datat id-disgħa (9) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) (Dok. B).

Illi l-partijiet ilhom għal aktar minn sena mifrudin fattwalment;

Illi l-esponent jissottometti illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi l-partijiet m'ghandhomx ulied u bl-istess kuntratt fuq imsemmi kienu wkoll irrinunzjaw b'mod irrevokabbli ghall-jedd li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi ghalhekk dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat kull fejn hu opportun fl-istess Registru.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha eccepiet :

1. Illi hija taqbel mal-premessi tal-attur (anness affidavit Dok. A)

2. Illi m'ghandha l-ebda oggezzjoni illi z-zwieg taghha mal-attur A B jigi mahlul permezz ta' divorzju minn dina l-Qorti b'dan illi hija m'ghandha tkun responsabbli ghall-ispejjez involuti;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Lulju 2023;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Frar 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejnithom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.